

Guidelines



Linji Gwida 10/2020 dwar ir-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-GDPR

Verżjoni 2.1

Adottati fit-13 ta' Ottubru 2021

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not been proofread yet.

Tabella tal-Verżjoni

Verżjoni 1.0	15 ta' Diċembru 2020	Adozzjoni tal-Linji Gwida għal konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 2.0	13 ta' Ottubru 2021	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 2.1	il-15 ta' Marzu 2022	Tibdil fil-format

Werrej

1	Introduzzjoni.....	5
2	It-tifsira tar-restrizzjonijiet.....	6
3	Rekwiżiti tal-Artikolu 23(1) tal-GDPR.....	7
3.1	Ir-rispett tal-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali.....	7
3.2	Miżuri leġiżlattivi li jstabilixxu r-restrizzjonijiet u l-ħtieġa ta' prevedibbiltà (il-Premessa 41 u l-ġurisprudenza tal-QĠUE).....	8
3.3	Raġunijiet għar-restrizzjonijiet.....	9
3.3.1	Is-sigurtà nazzjonali, id-difiża u s-sigurtà pubblika	9
3.3.2	Il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, inklużi s-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika	9
3.3.3	Objettivi importanti oħra ta' interess pubbliku ġenerali	10
3.3.4	Il-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u tal-proċedimenti ġudizzjarji.....	11
3.3.5	Il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' ksur ta' etika għal professjonijiet regolati.....	11
3.3.6	Funzjoni ta' monitoraġġ, ta' spezzjoni jew regolatorja marbuta, anki jekk okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali fil-każijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (e) u (g) tal-Artikolu 23 tal-GDPR	11
3.3.7	Il-protezzjoni tas-suġġett tad- <i>data</i> jew tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' persuni oħrajn	11
3.3.8	L-infurzar ta' talbiet skont id-dritt ċivili	11
3.4	Drittijiet tas-suġġetti tad- <i>data</i> u obbligi tal-kontrollur li jistgħu jiġu ristretti	11
3.5	Test tan-neċessità u tal-proporzjonalità.....	12
4	Rekwiżiti tal-Artikolu 23(2) tal-GDPR.....	13
4.1	Il-kategoriji ta' <i>data</i> personali	14
4.2	L-ambitu tar-restrizzjonijiet.....	14
4.3	Salvagwardji għall-prevenzjoni tal-abbuż jew tal-aċċess jew it-trasferiment illegali	14
4.4	Speċifikazzjoni tal-kontrollur	15
4.5	Il-perjodi ta' żamma.....	15
4.6	Riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad- <i>data</i>	15
4.7	Id-dritt li tiġi informat dwar ir-restrizzjoni, sakemm ma jkunx ta' preġudizzju għall-iskop tar-restrizzjoni.....	15
5	Konsultazzjoni mal-SAs (l-Artikoli 36(4) u 57(1)(c) tal-GDPR).....	16
6	Nuqqas ta' osservazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 23 tal-GDPR minn Stat Membru.....	17
7	Elementi speċifiċi għall-kontrolluri u għall-proċessuri	17

7.1	Il-Prinċipju tar-Responsabbiltà.....	17
7.2	L-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad- <i>data</i> wara t-tneħħija tar-restrizzjoni.....	17
7.3	In-nuqqas ta' osservazzjoni ta' miżura leġiżlattiva li timponi tali restrizzjonijiet minn kontrollur	18
8	Konklużjonijiet	19
9	Anness: Listi ta' kontroll - l-Artikolu 23 tal-GDPR fil-qosor	20
9.1	Rekwiżiti skont l-Artikolu 23(1) tal-GDPR.....	20
9.2	Rekwiżiti skont l-Artikolu 23(2) tal-GDPR.....	20

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsiill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u, b'mod partikolari, l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

1 INTRODUZZJONI

1. Dan id-dokument ifittex li jipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-GDPR. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu analiżi fil-fond tal-kriterji biex jiġu applikati r-restrizzjonijiet, il-valutazzjonijiet li jeħtieġ li jiġu osservati, kif is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom wara li titneħħa r-restrizzjoni u l-konsegwenzi għall-ksur tal-Artikolu 23 tal-GDPR.
2. Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti mandat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsiill biex jistabbilixxu r-regoli fir-rigward tal-protezzjoni ta' *data* personali u r-regoli relatati mal-moviment liberu tad-*data* personali. Il-GDPR jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-*data*. Il-protezzjoni tad-*data* ma tistax tiġi żgurata mingħajr ma jiġu rrispettati d-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-GDPR (l-Artikoli minn 12 sa 22 u l-Artikolu 34, kif ukoll l-Artikolu 5 sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi pprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 tal-GDPR). Dawn id-drittijiet u l-obbligi kollha huma fil-qalba tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* u jenħtieġ li l-applikazzjoni tagħhom tkun ir-regola ġenerali. B'mod partikolari, kwalunkwe limitazzjoni għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* jeħtieġ li tosserva l-Artikolu 52 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”).
3. Huwa f'dan l-isfond li l-Artikolu 23 tal-GDPR jenħtieġ li jinqara u jiġi interpretat. Din id-dispożizzjoni hija intitolata “restrizzjonijiet”. Din tipprevedi li, skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru, l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament, relatati mad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u mal-obbligi tal-kontrolluri, tista' tiġi ristretta fis-sitwazzjonijiet elenkati fih. Jenħtieġ li r-restrizzjonijiet jitqiesu bħala eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li tippermetti l-eżerċitar tad-drittijiet u l-impożizzjoni

¹ Ir-referenzi għall-“Istati Membri” magħmula matul dan id-dokument jenħtieġ li jinftehm bħala referenzi għall-“Istati Membri taż-ŻEE”.

tal-obbligi stabbiliti fil-GDPR². Bħala tali, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet jiġu interpretati b' mod ristrett, jiġu applikati biss f' ċirkostanzi pprovduti speċifikament u biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

4. Anki f' sitwazzjonijiet eċċezzjonali, il-protezzjoni tad-*data* personali ma tistax tiġi ristretta fl-intier tagħha. Din trid tiġi sostnuta fil-miżuri ta' emerġenza kollha, skont l-Artikolu 23 tal-GDPR, u b' hekk tikkontribwixxi għar-rispett tal-valuri globali tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni: kull miżura meħuda mill-Istati Membri għandha tirrispetta l-prinċipji ġenerali tal-liġi, l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali u ma għandhiex tkun irriversibbli u l-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* għandhom ikompli jikkonformaw mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.
5. Fil-każijiet kollha, meta d-dritt tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru tippermetti restrizzjonijiet għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jew għall-obbligi tal-kontrolluri (inklużi l-kontrolluri konġunti³) u tal-proċessuri⁴, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-prinċipju tar-responsabbiltà jibqa' applikabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 5(2) tal-GDPR. Dan ifisser li l-kontrollur huwa responsabbli għall-konformità tiegħu mal-qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-*data* u għandu jkun jista' juri dan lis-suġġetti tad-*data*, inklużi l-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-*data* tagħhom.
6. Meta il-leġiżlatur tal-UE jew nazzjonali jistabbilixxi restrizzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 23 tal-GDPR, għandu jiżgura li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, u b' mod partikolari jwettaq valutazzjoni tal-proporzjonalità sabiex ir-restrizzjonijiet ikunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju.

2 IT-TIFSIRA TAR-RESTRIZZJONIJIET

7. It-terminu restrizzjonijiet ma huwiex definit fil-GDPR. L-Artikolu 23 u l-Premessa 73 tal-GDPR jelenkaw biss il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu applikati r-restrizzjonijiet.
8. F' dawn il-linji gwida, it-terminu "restrizzjonijiet" se jiġi ddefinit bħala kull limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u tad-drittijiet ipprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 u fl-Artikolu 34 tal-GDPR kif ukoll tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikolu 5 f' konformità mal-Artikolu 23 tal-GDPR. Ir-restrizzjoni għal dritt individwali trid tissalvagwardja objettivi importanti, pereżempju, il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' oħrajn jew objettivi importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li huma elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR. Għalhekk, ir-restrizzjonijiet tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jistgħu jseħħu biss meta l-interessi elenkati jkunu f' riskju⁵ u dawn ir-restrizzjonijiet jimmiraw li jissalvagwardjaw tali interessi.

² Dawn is-sitwazzjonijiet ma jinkludux ix-xenarji li fihom tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

³ Fil-każ ta' kontroll konġunt, speċjalment f'każ li l-kontrolluri jkunu minn Stati Membri differenti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati u meqjusa r-restrizzjonijiet applikabbli f' konformità mal-Artikolu 23 sabiex il-kontrolluri konġunti jiċċaraw fl-arranġament i-rwoli rispettivi tagħhom.

⁴ Għal kemm minn issa 'l quddiem il-linji gwida se jirreferu għal "kontrolluri" biss, ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati għall-proċessuri wkoll, fejn applikabbli.

⁵ Dawn l-interessi huma elenkati b' mod eżawrjenti fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR.

9. Konsegwentement, ir-raġunijiet għar-restrizzjoni jeħtieġ li jkunu ċari. Sabiex ikunu leġittimi, ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu previsti minn miżura leġislattiva, jikkonċernaw numru limitat tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u/jew tal-obbligi tal-kontrollur elenkati fl-Artikolu 23 tal-GDPR⁶, jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali inkwistjoni, ikunu miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika u jissalvagwardjaw waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR kif deskritt aktar 'il quddiem.
10. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-Premessa 73 tal-GDPR, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet ikunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Karta u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.
11. Minbarra r-restrizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 23, il-GDPR jistabbilixxi wkoll dispożizzjoni relatata ma' sitwazzjonijiet speċifiċi ta' proċessar skont il-Kapitolu IX, li fihom l-Istati Membri jistgħu jipprovdu bil-liġi miżuri speċifiċi li jħallu impatt fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, bħal eżenzjonijiet jew derogi (pereżempju, l-Artikolu 85 jew l-Artikolu 89 tal-GDPR). Madankollu, dawn il-linji gwida ma jindirizzawx daww il-każijiet.
12. Ir-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u tad-drittijiet ipprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 u fl-Artikolu 34 tista' tiegħu forum differenti iżda qatt ma tista' tilħaq il-punt ta' sospensjoni ġenerali tad-drittijiet kollha. Il-miżuri leġislattivi li jistabbilixxu restrizzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-GDPR jistgħu jipprevedu wkoll li l-eżerċitar ta' dritt jiġi ttardjat fiż-żmien, li dritt jiġi eżerċitat parzjalment jew ċirkoskritt għal ċerti kategoriji ta' *data* jew li dritt ikun jista' jiġi eżerċitat indirettament permezz ta' awtorità superviżorja indipendenti.

3 REKWIŻITI TAL-ARTIKOLU 23(1) TAL-GDPR

13. L-Artikolu 23(1) tal-GDPR jelenka għadd ta' rekwiżiti, li huma ddettaljati hawn taħt. Jeħtieġ li daww ir-rekwiżiti kollha jiġu ssodisfati sabiex miżura tiġi invokata legalment.

3.1 Ir-rispett tal-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali

14. Wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* huwa li jissaħħaħ il-kontroll tas-suġġetti tad-*data* fuq id-*data* personali li tirrigwardahom. Kwalunkwe restrizzjoni għandha tirrispetta l-essenza tad-dritt li qed jiġi ristrett. Dan ifisser li r-restrizzjonijiet li huma estensivi u intrużivi sal-punt li jannullaw dritt fundamentali tal-kontenut bażiku tiegħu, ma jistgħux jiġu ġġustifikati. Fi kwalunkwe każ, esklużjoni ġenerali tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* jew daww speċifiċi jew fir-rigward ta' kontrolluri speċifiċi ma tirrispettax l-essenza tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' *data* personali, kif stabbilit fil-Karta. Jekk l-essenza tad-dritt tkun f'riskju, ir-restrizzjoni għandha titqies bħala illegali, mingħajr il-ħtieġa li jiġi vvalutat aktar jekk tkunx qed taqdi oġettiv ta' interess ġenerali jew tissodisfax il-kriterji tan-neċessità u tal-proporzjonalità.
15. Sabiex jiġi ggarantit dan il-kontroll, is-suġġetti tad-*data* għandhom numru ta' drittijiet fi ħdan id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u l-kontrollur għandu numru ta' obbligi fir-rigward tas-suġġett tad-*data*, stabbiliti fl-Artikoli minn 12 sa 22 u fl-Artikolu 34 tal-GDPR, kif ukoll fl-Artikolu 5 sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi pprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 tal-GDPR. Huwa f'dan l-isfond li l-Artikolu 23 tal-GDPR jenħtieġ li jinqara u jiġi interpretat.

⁶ Hemm ċerti drittijiet li ma jistgħux jiġu ristretti skont l-Artikolu 23 tal-GDPR, bħad-dritt li jitressaq ilment lill-awtorità superviżorja (l-Artikolu 77 tal-GDPR).

3.2 Miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu r-restrizzjonijiet u l-ħtieġa ta' prevedibbiltà (il-Premessa 41 u l-ġurisprudenza tal-QĠUE)

16. Ir-rekwiżit ta' miżura leġiżlattiva jinvolti li l-kontrolluri jkunu jistgħu jiddependu biss fuq restrizzjoni pprovduta mill-Artikolu 23 tal-GDPR sal-punt li din ir-restrizzjoni tkun ġiet speċifikata fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi tal-Istati Membri. Mingħajr il-miżura leġiżlattiva korrispondenti, il-kontrolluri ma jistgħux jiddependu direttament fuq ir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR. Il-Premessa 41 tal-GDPR tiddikjara li "[m]eta dan ir-Regolament jagħmel referenza għal bażi legali jew miżura leġiżlattiva, dan mhux neċessarjament ikun jirrikjedi att leġiżlattiv adottat minn parlament, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont l-ordni kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, tali bażi legali jew miżura leġiżlattiva jenħtieġ li tkun ċara u preċiża u l-applikazzjoni tagħha jenħtieġ li tkun prevedibbli għal persuni soġġetti għaliha, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [...] u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"⁷.
17. Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fuq l-eżerċitar tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta għandha tkun "prevista mil-liġi". Dan itenni l-espressjoni "f'konformità mal-liġi" fl-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem⁸, li tfisser mhux biss il-konformità mal-liġi domestika, iżda li hija relatata wkoll mal-kwalità ta' dik il-liġi mingħajr preġudizzju għan-natura tal-att, li tirrikjedi li din tkun kompatibbli mal-istat tad-dritt. B'mod partikolari, il-liġi domestika trid tkun **ċara biżżejjed fit-termini tagħha biex tagħti lill-individwi indikazzjoni adegwata ta' ċirkostanzi u tal-kundizzjonijiet li fihom il-kontrolluri jingħataw is-setgħa li jirrikorru għal kwalunkwe restrizzjoni bħal din**. L-istess standard strett jenħtieġ li jiġi applikat għal kull restrizzjoni li tista' tiġi imposta mill-Istati Membri. F'konformità mal-GDPR u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), huwa tabilħaqq essenzjali li l-miżuri leġiżlattivi, li jfittxu li jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jew tal-obbligi tal-kontrollur, ikunu prevedibbli għas-suġġetti tad-*data*.
18. Filwaqt li kull miżura leġiżlattiva fi kwalunkwe każ trid tiġi adattata għall-oġġettiv segwit u tissodisfa l-kriterju ta' prevedibbiltà, miżura leġiżlattiva li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-GDPR mhux dejjem ikollha tkun limitata fiż-żmien jew marbuta ma' perjodu speċifiku.
 - a. F'xi każijiet, ir-restrizzjoni ma hijiex speċifikament marbuta ma' perjodu ta' żmien minħabba li r-raġuni għar-restrizzjoni li trid tiġi ssalvagwardjata mill-miżura leġiżlattiva ma tkunx limitata fiż-żmien minnha nnifisha. Fid-dawl tal-prinċipju tan-neċessità u tal-

⁷ It-tip ta' miżuri leġiżlattivi kkunsidrati jridu jkunu konformi mad-dritt tal-UE jew mal-liġi nazzjonali. Skont il-grad ta' interferenza tar-restrizzjoni, miżura leġiżlattiva partikolari, filwaqt li jitqies il-livell tan-norma, tista' tkun meħtieġa fil-livell nazzjonali.

⁸ Ara b'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-14 ta' Settembru 2010, *Sanoma Uitgevers B.V. vs In-Netherlands*, EC:ECHR:2010:0914JUD003822403, il-punt 83: "Barra minn hekk, fir-rigward tal-kliem "f'konformità mal-liġi" u "prevista mil-liġi" li jidhru fl-Artikoli minn 8 sa 11 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tresserva li dejjem fehmet it-terminu "liġi" fis-sens "sostantiv" tagħha, u mhux dak "formali" tagħha; hija inkludiet kemm "il-liġi miktuba", li tinkludi l-promulgazzjoni ta' statuti bi klassifikazzjoni aktar baxxa u miżuri regolatorji meħudin minn korpi regolatorji professjonali taħt setgħat indipendenti ta' tfassil tar-regoli delegati lilhom mill-Parlament, kif ukoll il-liġi mhux miktuba. "Liġi" trid tinftehem li tinkludi kemm il-liġi statutorja kif ukoll "liġi" magħmula minn imħallef. Fil-qosor, il-"liġi" hija d-dispożizzjoni fis-seħħ hekk kif il-qrati kompetenti interpreta wha". Dwar l-idea ta' "prevista mil-liġi", il-kriterji żviluppati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jenħtieġ li jintużaw kif issuġġerit fil-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali tal-QĠUE fil-Kawża C-203/15 u C-698/15, *Tele2 Sverige AB*, ECLI:EU:C:2016:572, il-punti 137-154 jew fil-Kawża C-70/10, *Scarlet Extended*, ECLI:EU:C:2011:255, il-punt 99.

proporzjonalità, huwa neċessarju li jiġi żgurat li tali miżuri leġiżlattivi jkunu relatati ma' raġuni biex ir-restrizzjoni tiġi ssalvagwardjata fuq bażi kontinwa, jew permanenti, f'soċjetà demokratika. Pereżempju, miżura leġiżlattiva li tirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u tad-drittijiet pprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 u fl-Artikolu 34, għas-salvagwardja tal-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u tal-proċedimenti ġudizzjarji tista' pereżempju titqies li tissodisfa objettiv kontinwu f'soċjetà demokratika u, għalhekk, tista' ma tkunx limitata fiż-żmien.

- b. F'każijiet oħra, ir-raġuni biex ir-restrizzjoni tiġi ssalvagwardjata tkun limitata fiż-żmien minnha nnifisha u, għalhekk, il-miżura leġiżlattiva jenħtieġ li tipprovdli limiti ta' żmien sabiex jiġi ssodisfat il-kriterju ta' prevedibbiltà. Pereżempju, meta jiġu adottati restrizzjonijiet fil-kuntest ta' stat ta' emerġenza biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika, l-EDPB iqis li r-restrizzjonijiet, imposti għal durata mhux limitata b'mod preċiż fiż-żmien, ma jissodisfawx il-kriterju ta' prevedibbiltà, inkluż meta tali restrizzjonijiet japplikaw b'mod retroattiv jew ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet mhux definiti⁹.

19. Din ir-rabta bejn ir-restrizzjonijiet previsti u l-objettiv segwit jenħtieġ li tiġi stabbilita u tintwera b'mod ċar fil-miżura leġiżlattiva kkonċernata jew fid-dokumenti supplimentari addizzjonali. Pereżempju, is-sempliċi eżistenza ta' pandemija waħedha ma hijiex raġuni suffiċjenti biex jiġi previst xi tip ta' restrizzjoni fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*; minflok, kwalunkwe restrizzjoni għandha tikkontribwixxi b'mod ċar għas-salvagwardja ta' objettiv importanti tal-interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

3.3 Raġunijiet għar-restrizzjonijiet

20. Sabiex tiġi adottata miżura leġiżlattiva għar-restrizzjonijiet u biex tiġi applikata restrizzjoni f'każ konkret, jeħtieġ li tiġi ssodisfata waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin iddikjarati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR. Din il-lista hija eżawrjenti, jiġifieri ma jistgħux jitwettqu restrizzjonijiet taħt l-ebda kundizzjoni oħra għajr dawk elenkati hawn taħt.
21. Ir-rabta bejn ir-restrizzjonijiet previsti u l-objettiv segwit jenħtieġ li tiġi ddikjarata b'mod ċar fil-miżura leġiżlattiva.

3.3.1 Is-sigurtà nazzjonali, id-difiża u s-sigurtà pubblika

22. Ir-restrizzjoni għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jista' jkollha sigurtà nazzjonali jew pubblika u/jew difiża tal-Istati Membri bħala objettiv li jrid jiġi ssalvagwardjat, kif iddikjarat fl-Artikolu 23(1)(a), (b) u (c) tal-GDPR.
23. Barra minn hekk, is-sigurtà pubblika tinkludi l-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem, speċjalment b'reazzjoni għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem.

3.3.2 Il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, inklużi s-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika

24. F'ċerti każijiet, l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* li jkunu qed jiġu investigati jista' jipperikola s-suċċess ta' dik l-investigazzjoni. Għalhekk, ir-restrizzjoni tad-dritt għall-informazzjoni jew tad-drittijiet oħrajn tas-suġġett tad-*data* tista' tkun neċessarja, skont l-Artikolu 23(1)(d) tal-GDPR. Dan hu

⁹ Ara wkoll il-paragrafu 46 aktar 'il quddiem.

rilevanti pereżempju fil-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew tal-attivitàjiet tal-laboratorji forensiċi¹⁰.

25. Madankollu, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-informazzjoni li titħalla barra għandha tiġi pprovduta darba u dment li ma jkunx għadu possibbli li tipperikola l-investigazzjoni li tkun qed titwettagħ¹¹. Dan ifisser li jentheigħ li jingħata avviż speċifiku (imfassal apposta) dwar il-protezzjoni tad-*data* lis-suġġett tad-*data* mill-aktar fis possibbli, li jiddikjara d-drittijiet differenti bħall-aċċess, ir-rettifika, eċċ.
26. Barra minn hekk, l-oġġettiv li tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà pubblika jinkludi l-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem speċjalment b'reazzjoni għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem¹².

3.3.3 Oġġettivi importanti oħra ta' interess pubbliku ġenerali

27. L-Artikolu 23(1)(e) tal-GDPR isemmi bħala oġġettivi importanti oħra ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru l-interess ekonomiku jew finanzjarju importanti, inklużi kwistjonijiet monetarji, baġitarji u ta' tassazzjoni, is-saħħa pubblika u s-sigurtà soċjali. Dan jista' jikkonċerna pereżempju ż-żamma ta' reġistri pubbliċi miżmuma għal raġunijiet ta' interess pubbliku ġenerali jew l-ipproċessar ulterjuri ta' *data* personali arkivjata sabiex jipprovi informazzjoni speċifika relatata mal-imġiba politika taħt reġimi preċedenti fi stati totalitarji¹³. Madankollu, il-kostijiet imġarrbin bħala konsegwenza tal-għoti ta' informazzjoni u, għalhekk, il-piż finanzjarju fuq il-baġits pubbliċi ma humiex biżżejjed biex jiġġustifikaw interess pubbliku fir-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Bħala eżempju, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Diretta tista' timponi restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ta' aċċess mis-suġġett tad-*data* meta dan ikun taħt investigazzjoni mmexxija mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa fil-qafas tad-dmir legali tagħha, fil-każ li dan l-aċċess ikun jipperikola l-investigazzjoni li tkun għaddejja. Madankollu, tali restrizzjoni jenħtieġ li tkun limitata għaż-żmien neċessarju għall-investigazzjoni speċifika u għandha titneħħa malli l-Amministrazzjoni tat-Taxxa tagħlaq l-investigazzjoni. Jenħtieġ li s-suġġett tad-*data* jiġi infurmat mingħajr dewmien u jiġi nnotifikat bil-ġustifikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tal-kontrollur u bid-*data* li minnha jista' jerġa' jeżerċita d-dritt ta' aċċess tiegħu. Jenħtieġ li jiġu żgurati wkoll salvagwardji xierqa bħal pereżempju aċċess indirett¹⁴ - meta jkun previst fil-liġi nazzjonali - sabiex jiġi żgurat li Awtorità indipendenti tkun tista' tivverifika l-leġittimità tal-ipproċessar.
28. Sabiex jiġi żgurat l-oġġettiv ta' interess pubbliku ġenerali tal-aċċessibbiltà tal-liġi, l-amministrazzjoni pubblika tista' timponi restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar ta' *data* personali psewdonimizzata għall-iżvilupp ta' dokument ta' referenza u għall-informazzjoni li tidentifika, skont it-tip ta' dannu, l-ammonti mitluba u offruti mill-partijiet f'tilwima kif ukoll l-ammonti allokat li lill-vittmi bħala kumpens għad-dannu fiżiku tagħhom f'deċiżjonijiet tal-qorti mogħtija fuq appell mill-qrati amministrattivi u mill-qrati ċivili. Tali restrizzjonijiet jistgħu jseħħu dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 23(2) tal-GDPR, u b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' salvagwardji bħall-approssimazzjoni tal-ammonti ta' kumpens, it-tħassir tal-ewwel u tal-aħħar ismijiet tal-partijiet għat-tilwima u l-psewdonimizzazzjoni tad-*data* personali proċessata.

¹⁰ II-Premessa 19 tal-GDPR.

¹¹ II-Konklużjonijiet 1/15 tal-QĠUE (Awla Manja) dwar l-Abbozz tal-Ftehim dwar il-PNR bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea, is-26 ta' Lulju 2017, ECLI:EU:C:2017:592.

¹² II-Premessa 73 tal-GDPR.

¹³ II-Premessa 73 tal-GDPR.

¹⁴ Jiġi fieri s-suġġett tad-*data* jista' jitlob lill-awtorità superviżorja kompetenti biex tipproċedi bil-kontrolli u l-verifiki meħtieġa tal-informazzjoni dwar is-suġġett tad-*data*. Tali aċċess indirett jista' jiġi stabbilit pereżempju biex tiġi protetta s-sigurtà tal-Istat, id-difiża jew is-sigurtà pubblika. Imbagħad, l-awtorità Superviżorja tkun tista' taċċessa u tivverifika l-informazzjoni u, fejn rilevanti, tista' titlob ir-rettifika jew it-tħassir tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata.

3.3.4 Il-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u tal-proċedimenti ġudizzjarji

29. L-Artikolu 23(1)(f) tal-GDPR jipprevedi wkoll il-ħtieġa li jiġu ristretti d-drittijiet jew l-obbligi ta' kontrollur ta' ċerti suġġetti tad-*data*, sabiex jiġu protetti l-indipendenza ġudizzjarja u l-proċedimenti ġudizzjarji.
30. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li jkun allinjat mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola dawn il-kwistjonijiet.

3.3.5 Il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' ksur ta' etika għal professjonijiet regolati

31. L-Artikolu 23(1)(g) tal-GDPR isemmi ksur ta' etika għal professjonijiet regolati, bħat-tobba u l-avukati.
32. Dawn huma każijiet li fihom investigazzjoni ma tkunx relatata fil-prinċipju ma' reati kriminali peress li, fejn l-investigazzjoni tikkonċerna reat kriminali, tkun applikabbli r-raġuni stabbilita fil-punt 3.3.2.

3.3.6 Funzjoni ta' monitoraġġ, ta' spezzjoni jew regolatorja marbuta, anki jekk okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali fil-każijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (e) u (g) tal-Artikolu 23 tal-GDPR

Ir-raġuni għar-restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 23(2)(h) tal-GDPR tirreferi għal limitazzjoni potenzjali meta jkun hemm eżerċizzju ta' spezzjoni jew ta' monitoraġġ jew funzjoni regolatorja konnessa, anki jekk okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali fil-każijiet imsemmija fil-punti 3.3.1 sa 3.3.3 u fil-punt 3.3.5.

3.3.7 Il-protezzjoni tas-suġġetti tad-*data* jew tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' persuni oħrajn

33. L-Artikolu 23(1)(i) tal-GDPR jirreferi għal raġuni għal restrizzjoni li għandha l-għan li tipproteġi s-suġġetti tad-*data* jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn.
34. Wieħed jista' juri restrizzjoni biex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn b'eżempju ta' inkjesta amministrattiva u/jew ta' proċedimenti dixxiplinari jew ta' investigazzjoni dwar allegazzjonijiet ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol. F'dan il-każ, miżura leġiżlattiva tista' tipprevedi li l-persuna soġġetta għal inkjesta jew għal proċedimenti dixxiplinari tista' tesperjenza limitazzjoni għad-dritt ta' aċċess tagħha, meta l-identità ta' vittma allegata, ta' xhud jew ta' informatur ma tkunx tista' tiġi żvelata sabiex din jew dan ikun protett minn ritaljazzjoni. Il-vittma jew ix-xhud jista' jkollu d-dritt ta' aċċess tiegħu ristrett ukoll sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* tal-persuna soġġetta għal inkjesta jew għal proċedimenti dixxiplinari.

3.3.8 L-infurzar ta' talbiet skont id-dritt ċivili

35. L-Artikolu 23(1)(j) tal-GDPR jinkludi wkoll l-infurzar ta' talbiet skont id-dritt ċivili bħala raġuni għar-restrizzjonijiet. Filwaqt li l-Artikolu 23(1)(j) tal-GDPR jippermetti l-limitazzjonijiet biex jiġu protetti l-interessi individwali ta' ilmentatur (potenzjali), l-Artikolu 23(1)(f) tal-GDPR jippermetti l-limitazzjonijiet biex jiġu protetti l-proċeduri tal-qorti nfushom kif ukoll ir-regoli proċedurali applikabbli.

3.4 Drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u obbligi tal-kontrollur li jistgħu jiġu ristretti

36. F'konformità mal-Artikolu 23 tal-GDPR, l-Artikoli minn 12 sa 22, l-Artikolu 34 tal-GDPR u l-Artikolu 5 biss jistgħu jiġu ristretti sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi previsti fl-Artikoli minn 12 sa 22.
37. Ir-restrizzjonijiet għall-obbligi jikkonċernaw restrizzjonijiet għall-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 jikkorrispondu għall-obbligi pprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 tal-GDPR u għall-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġetti tad-*data* (l-Artikolu 34 tal-GDPR). L-Artikolu 5 tal-GDPR, li jstabbilixxi l-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta'

data personali, huwa wieħed mill-aktar Artikoli importanti fil-GDPR. Ir-restrizzjonijiet għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* jeħtieġ li jkunu debitament iġġustifikati minn sitwazzjoni eċċezzjonali, li tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali inkwistjoni u wara test tan-neċessità u tal-proporzjonalità¹⁵ (ara t-taqsimha 3.5 aktar 'il quddiem). Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-Artikolu 5 tal-GDPR jista' jiġi ristrett biss sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi pprovduti fl-Artikoli 12 sa 22 tal-GDPR.

38. Ir-restrizzjonijiet għad-drittijiet jikkonċernaw id-dritt għal informazzjoni trasparenti (l-Artikolu 12 tal-GDPR), id-dritt għall-informazzjoni (l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-GDPR), id-dritt ta' aċċess (l-Artikolu 15 tal-GDPR), id-dritt ta' rettifika (l-Artikolu 16 tal-GDPR), id-dritt għal tħassir (l-Artikolu 17 tal-GDPR), id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikolu 18 tal-GDPR), l-obbligu ta' notifika rigward rettifika jew tħassir ta' *data* personali jew restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikolu 19 tal-GDPR), id-dritt għall-portabbiltà tad-*data* (l-Artikolu 20 tal-GDPR), id-dritt ta' oġġezzjoni (l-Artikolu 21 tal-GDPR), id-dritt li individwu ma jkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati (l-Artikolu 22 tal-GDPR).
39. Dan ifisser li kwalunkwe dritt ieħor tas-suġġetti tad-*data* - bħad-dritt li jressqu lment quddiem awtorità superviżorja (l-Artikolu 77 tal-GDPR) - jew kwalunkwe obbligu ieħor tal-kontrolluri ma jistgħux jiġu ristretti.

3.5 Test tan-neċessità u tal-proporzjonalità

40. Ir-restrizzjonijiet ikunu leġittimi biss meta jkunu miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika, kif iddikjarat fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR. Dan ifisser li r-restrizzjonijiet jeħtieġ li jgħaddu minn test tan-neċessità u tal-proporzjonalità sabiex ikunu konformi mal-GDPR¹⁶. It-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità jenħtieġ li jitwettagħ qabel ma l-leġiżlatur jiddeċiedi li jipprovi restrizzjoni.
41. L-oġġettiv ta' salvagwardja jipprovi l-kuntest li fih tista' tiġi vvalutata n-neċessità tal-miżura. Għalhekk, huwa importanti li jiġi identifikat l-oġġettiv f' dettall suffiċjenti sabiex tkun tista' ssir il-valutazzjoni dwar jekk il-miżura tkunx neċessarja. Pereżempju, jekk fil-proċedimenti amministrattivi jkun neċessarju li tiġi ristretta parti mill-investigazzjoni, iżda xi informazzjoni diġà tista' tiġi divulgata lis-suġġetti tad-*data* kkonċernati, din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-persuna. Il-ġurisprudenza tal-QĠUE tapplika test strett tan-neċessità għal kwalunkwe limitazzjoni fuq l-eżerċitar tad-drittijiet għall-protezzjoni ta' *data* personali u għar-rispett għall-ħajja privata fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali: "id-derogi u l-limitazzjonijiet għall-protezzjoni tad-*data* (...) iridu jiġu applikati biss sa fejn dan ikun assolutament meħtieġ"¹⁷. Il-QEDB tapplika test strett tan-neċessità skont il-kuntest u ċ-ċirkostanzi kollha inkwistjoni, bħal fir-rigward ta' miżuri ta' sorveljanza sigrieta¹⁸.
42. Jekk il-miżura prevista tgħaddi minn dan it-test, tiġi vvalutata l-proporzjonalità tagħha. Jekk l-abbozz ta' miżura ma jgħaddix mit-test tan-neċessità, ma hemmx bżonn li tiġi eżaminata l-proporzjonalità

¹⁵ Ara [European Data Protection Supervisor \(EDPS\) Guidelines - 'Assessing the necessity of measures that limit the fundamental right to the protection of personal data: A Toolkit'](#), il-[EDPS Guidelines on assessing the proportionality of measures that limit the fundamental rights to privacy and to the protection of personal data](#) u [the EDPS quick-guide to necessity and proportionality](#).

¹⁶ Fi ħdan il-missjoni tal-awtoritajiet superviżorji u sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa rakkomandabbli li t-test tal-proporzjonalità u tan-neċessità jiġi ddokumentat. L-awtoritajiet superviżorji jistgħu jitolbu dokumentazzjoni addizzjonali.

¹⁷ Ara l-QĠUE, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, il-Kawża C-73/07, Tietosuoja v. Tuutetu vs Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy, ECLI:EU:C:2008:727, il-punt 56.

¹⁸ Ara l-QEDB, Szabo u Vissy vs l-Ungerija, it-12 ta' Jannar 2016, il-punt 73.

tiegħu. Miżura li ma tidhirx li tkun neċessarja, ma għandhiex tiġi proposta ħliet jekk, u qabel ma tiġi immodifikata biex tissodisfa r-rekwiżit tan-neċessità.

43. It-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità tipikament jimplika l-valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Ir-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* huma spjegati fid-dettall fil-punt 4.7 ta' dawn il-linji gwida.
44. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut tal-miżura leġiżlattiva ma jistax jisboq dak li huwa assolutament neċessarju biex jiġi salvagwardjat l-oġettivi elenkati fl-Artikolu 23(1)(a) sa (j) tal-GDPR. Għalhekk, ir-restrizzjoni trid tkun xierqa biex jintlaħqu l-oġettivi leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma taqbiżx il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi. Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-Artikolu 23 tal-GDPR ma jistax jiġi interpretat li jista' jagħti lill-Istati Membri s-setgħa li jimminaw ir-rispett għall-ħajja privata, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta, jew kwalunkwe garanzija oħra prevista fiha. B'mod partikolari, is-setgħa mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 23(1) tal-GDPR tista' tiġi eżerċitata biss f'konformità mar-rekwiżit tal-proporzjonalità, li skont dan id-derogi u l-limitazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali jridu japplikaw biss sa fejn ikun assolutament neċessarju¹⁹.
45. Jenħtieġ li miżura ta' restrizzjoni proposta tiġi appoġġata minn evidenza li tiddeskrivi l-problema li trid tiġi indirizzata minn dik il-miżura, kif se tiġi indirizzata minnha, u għaliex il-miżuri eżistenti jew anqas intrużivi ma jistgħux jindirizzawha b'mod suffiċjenti. Hemm ukoll rekwiżit biex juri kif kwalunkwe interferenza jew restrizzjoni proposta ġenwinament tissodisfa l-oġettivi ta' interess ġenerali tal-Istat u tal-UE jew il-ħtieġa li jiġi protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Ir-restrizzjoni tad-drittijiet tal-protezzjoni ta' *data* se jkollha tiffoka fuq riskji speċifiċi.
46. Pereżempju, jekk ir-restrizzjonijiet jikkontribwixxu għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika fi stat ta' emerġenza, l-EDPB iqis li r-restrizzjonijiet iridu jkunu assolutament limitati fil-kamp ta' applikazzjoni (eż. fir-rigward tal-iskop, id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* kkonċernati jew il-kategoriji ta' kontrolluri kkonċernati) u fil-ħin. B'mod partikolari, dan irid ikun limitat għall-perjodu tal-istat ta' emerġenza. Id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu ristretti iżda mhux miċħuda.

4 REKWIŻITI TAL-ARTIKOLU 23(2) TAL-GDPR

47. Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, kwalunkwe miżura leġiżlattiva adottata abbażi tal-Artikolu 23(1) tal-GDPR trid, b'mod partikolari, tikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 23(2) tal-GDPR²⁰. L-Artikolu 23(2) tal-GDPR jiddikjara li l-miżuri leġiżlattivi li jimponu restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-obbligi tal-kontrolluri għandu jkun fihom, fejn rilevanti, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar diversi kriterji deskritti hawn taħt. Bħala regola, ir-rekwiżiti kollha deskritti hawn taħt jenħtieġ li jiġu inklużi fil-miżura leġiżlattiva li timponi restrizzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-GDPR.

¹⁹ Il-QĠUE, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du net u oħrajn, il-Kawżi magħquda C-511/18, C-512/18 u C520/18, ECLI:EU:C:2020:791, il-punt 210. Pereżempju, fir-rigward taż-żamma tad-*data* minn servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting, il-QĠUE kkonkludiet, fil-punt 212, li "l-Artikolu 23(1) (tal-GDPR), moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' aċċess għal servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting l-obbligu taż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni, b'mod partikolari, ta' *data* personali relatata ma' dawn is-Servizzi".

²⁰ Il-QĠUE, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net u oħrajn, il-Kawżi magħquda C-511/18, C-512/18 u C520/18, ECLI:EU:C:2020:791, il-punt 209.

48. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jeħtieġ li jiġu debitament iġġustifikati mil-leġiżlatur, abbażi tal-fatt li dispożizzjoni waħda jew aktar fl-Artikolu 23(2) tal-GDPR ma jkunux rilevanti fir-rigward tal-miżura leġiżlattiva li tipprevedi r-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. L-interpretazzjoni tal-EDPB tal-espressjoni “fejn rilevanti” fl-Artikolu 23(2) tal-GDPR hija marbuta maċ-ċirkostanzi.
49. L-Artikolu 23(2)(a) tal-GDPR isemmi l-għanijiet tal-ipproċessar jew tal-kategoriji tal-ipproċessar bħala waħda mid-dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom jissemew fi kwalunkwe miżura leġiżlattiva li tillimita d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jew tal-obbligi tal-kontrolluri. Skont il-Premessa 8 tal-GDPR, ir-raġuni għar-restrizzjoni jenħtieġ li tkun komprensibbli għall-persuni li għalihom tapplika. Din tinvolvi wkoll fehim ċar ta’ kif u meta tista’ tapplika r-restrizzjoni.
50. Pereżempju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta’ ksur ta’ etika għal professjonijiet regolati tista’ tiddikjara li jekk l-iżvelar tal-fatt li persuna tkun qed tiġi investigata għal ksur serju jista’ jkun ta’ preġudizzju għall-fini tal-investigazzjoni, l-informazzjoni ma tistax tiġi divulgata lis-suġġett tad-*data* għal żmien limitat.
51. L-iskopijiet possibbli tal-ipproċessar jeħtieġ li jkunu marbuta mar-raġunijiet għar-restrizzjonijiet imsemmija fil-punt 3.3 ta’ dawn il-linji gwida.
52. Għandu jingħad li xi drabi l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jgħin lill-kontrolluri jwettqu l-funzjoni tagħhom. Pereżempju, id-dritt ta’ rettifika jista’ jikkontribwixxi għall-kwalità tad-*data*.

4.1 Il-kategoriji ta’ *data* personali

53. L-Artikolu 23(2)(b) tal-GDPR jiddikjara li l-kategoriji ta’ *data* personali soġġetti għal restrizzjonijiet iridu jiġu indikati fil-miżura leġiżlattiva li tipprevedi dawk ir-restrizzjonijiet²¹.
54. Bl-istess mod, ir-restrizzjonijiet li jikkonċernaw kategoriji speċjali ta’ *data* personali jista’ jkollhom impatt akbar fuq is-suġġetti tad-*data* u, għalhekk, il-miżura leġiżlattiva li tistabbilixxi tali restrizzjoni jenħtieġ li ssemmi l-kategoriji speċjali ta’ *data* kkonċernati fiha.

4.2 L-ambitu tar-restrizzjonijiet

55. L-Artikolu 23(2)(c) tal-GDPR jippreskrivi li l-ambitu tar-restrizzjonijiet għandu jiġi speċifikat ukoll, jiġifieri liema drittijiet huma kkonċernati u kemm se jkunu limitati, pereżempju, li restrizzjoni tikkonċerna biss id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikolu 18 tal-GDPR), jew li tista’ tikkonċerna l-aċċess, ir-rettifika u t-tħassir.

4.3 Salvagwardji għall-prevenzjoni tal-abbuż jew tal-aċċess jew it-trasferiment illegali

56. L-Artikolu 23(2)(d) tal-GDPR jiddikjara li l-miżura leġiżlattiva għandha tinkludi salvagwardji għall-prevenzjoni tal-abbuż jew tal-aċċess jew tat-trasferiment illegali. Dan jirreferi b’mod partikolari għal miżuri organizzazzjonali u/jew tekniċi²² li huma neċessarji sabiex jiġi evitat il-ksur jew it-trasferimenti illegali bħall-ħżin b’mod sikur ta’ dokumenti fiżiċi. Pereżempju, f’xi Stati Membri l-eżerċitar tad-drittijiet fir-rigward tal-ipproċessar imwettaq f’setturi speċifiċi jista’ jiġi eżerċitat permezz tal-medjazzjoni tal-awtorità superviżorja nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* (“SA”).

²¹ Fejn ikun possibbli, il-kontrollur jista’ jagħmel aktar u jelenka l-entrati speċifiċi tad-*data* li għalihom tista’ tapplika r-restrizzjoni tad-drittijiet, bħar-riżultati preliminari ta’ investigazzjoni, bħal deċiżjoni li tinfetaħ inkjesta, eċċ.

²² Ara [Il-Linji Gwida ta l-EDPB 4/2019 dwar l-Artikolu 25 Il-protezzjoni tad-data mid-disinn u b’mod awtomatiku](#).

57. Il-miżura leġiżlattiva tista' tikkonċerna wkoll miżuri perjodiċi għar-rieżami ta' deċiżjoni partikolari dwar ir-restrizzjonijiet. Il-leġiżlatur jista' jipproponi li kull restrizzjoni implimentata mill-kontrollur jenħtieġ li tiġi rieżaminata perjodikament sabiex jiġi żgurat li l-ġustifikazzjoni għaliha tkun għadha valida.

4.4 Speċifikazzjoni tal-kontrollur

58. L-Artikolu 23(2)(e) tal-GDPR jirrikjedi li l-miżura leġiżlattiva tispeċifika min huwa l-kontrollur jew liema huma l-kategoriji tal-kontrolluri. Din il-ħatra tal-kontrolluri fil-miżura leġiżlattiva mhux biss tiffavorixxi ċ-ċertezza legali rigward ir-responsabbiltà għall-operazzjonijiet ta' proċessar fir-rigward tar-restrizzjonijiet, iżda tippermetti wkoll lis-suġġetti tad-*data* li jkunu jafu lil min iridu jindirizzaw meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, ladarba titneħħa r-restrizzjoni.

4.5 Il-perjodi ta' żamma

59. L-Artikolu 23(2)(f) tal-GDPR jistabbilixxi li l-miżura leġiżlattiva trid tinkludi dispożizzjoni speċifika rigward il-perjodi ta' żamma u s-salvagwardji applikabbli b'kont meħud tan-natura, tal-ambitu u tal-finijiet tal-ipproċessar jew tal-kategorji ta' proċessar. Pereżempju, il-perjodu ta' żamma jista' jiġi kkalkolat bħala d-durata tal-operazzjoni ta' proċessar flimkien ma' żmien addizzjonali għal litigazzjoni potenzjali.

4.6 Riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*

60. L-Artikolu 23(2)(g) tal-GDPR jirrikjedi li l-miżura leġiżlattiva tinkludi r-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* li jirriżultaw mir-restrizzjonijiet. Dan huwa pass importanti ħafna, li jgħin fit-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet.
61. L-għan ta' din il-valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* huwa doppju. Minn naħa waħda, dan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-impatt potenzjali tar-restrizzjonijiet fuq is-suġġetti tad-*data*. Min-naħa l-oħra, dan jipprovdi elementi għat-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet. F'dan ir-rigward u jekk applikabbli, jenħtieġ li titqies valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (data protection impact assessment, "DPIA")²³.
62. Jenħtieġ li l-leġiżlatur jivvaluta r-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* mill-perspettiva tas-suġġetti tad-*data*. Mhux dejjem huwa obbligatorju li titwettaq DPIA, iżda riskji konkreti għas-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu ddikjarati fil-miżura leġiżlattiva, jekk applikabbli - bħal pereżempju tfassil żbaljat ta' profil li jwassal għal diskriminazzjoni, dinjità tal-bniedem imnaqqsa²⁴, libertà tal-kelma, dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*²⁵, impatt akbar fuq gruppi vulnerabbli (bħal tfal jew persuni b'diżabilità), fost ħafna oħrajn.
63. Meta tiġi pprovduta tali valutazzjoni, l-EDPB iqis li huwa neċessarju li din tiġi inkluża fil-premessi jew fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-legiżlazzjoni²⁶ jew fil-valutazzjoni tal-impatt²⁷.

4.7 Id-dritt li tiġi informat dwar ir-restrizzjoni, sakemm ma jkunx ta' preġudizzju għall-iskop tar-restrizzjoni

²³ Ara wkoll il-Linji Gwi da tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 "Guidelines on Data Protection Impact Assessment (DPIA) and determining whether processing is "likely to result in a high risk" for the purposes of Regulation 2016/679", wp248rev.01, approvati mill-EDPB fil-25 ta' Mejju 2018.

²⁴ Id-dinjità tal-bniedem hija dritt protett mill-Artikolu 1 tal-Karta.

²⁵ L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

²⁶ L-iskop tal-memorandum ta' spjegazzjoni huwa li jispjega r-raġunijiet għal miżura leġiżlattiva u l-kuntest tagħha li tuża l-istadji differenti tal-proċess preparatorju.

²⁷ Ara l-Artikolu 35(10) tal-GDPR.

64. L-Artikolu 23(2)(h) tal-GDPR jiddikjara li s-suġġetti tad-*data* għandhom jiġu informati bir-restrizzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' preġudizzju għall-iskop tar-restrizzjoni. Dan ifisser li s-suġġetti tad-*data* jenħtieġ li jiġu informati dwar ir-restrizzjoni għad-dritt tagħhom għall-informazzjoni bħala regola. Għal dak l-għan, avviż ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data* jista' jkun biżżejjed.
65. Pereżempju, meta suġġett tad-*data* jitlob speċifikament li jeżerċita dritt partikolari f' mument delikat ħafna ta' investigazzjoni amministrattiva partikolari, is-suġġett tad-*data*, jekk possibbli, jenħtieġ li jiġi informat bir-raġunijiet għar-restrizzjoni. Madankollu, jekk l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġett tad-*data* dwar ir-raġunijiet għar-restrizzjoni jirriżulta fit-tħassir tal-effett tar-restrizzjoni (jiġifieri jfixkel l-effetti preliminari tal-investigazzjoni), din l-informazzjoni ma tistax tiġi ddivulgata. Jistgħu jiġu adottati restrizzjonijiet biex jiġu protetti l-investigazzjonijiet. F'dan il-każ, ir-restrizzjonijiet iridu jibqgħu neċessarji u proporzjonati u, biex isir dan, jenħtieġ li ssir valutazzjoni mill-kontrollur biex jiġi vverifikat jekk l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġett tad-*data* dwar ir-restrizzjoni ikunx ta' preġudizzju għall-iskop tar-restrizzjoni.
66. Fi kliem ieħor, f' ċirkostanzi straordinarji, pereżempju fl-istadji preliminari ħafna ta' investigazzjoni, jekk is-suġġett tad-*data* jitlob informazzjoni jekk ikun qed jiġi investigat, il-kontrollur jista' jiddeċiedi li ma jagħtix din l-informazzjoni f' dak il-mument - jekk din ir-restrizzjoni tkun leġittima u assolutament meħtieġa fil-każ speċifiku għal dak li jkun ta' preġudizzju għall-iskop tar-restrizzjoni.
67. Fi stadju aktar tard, bħal wara li titlesta l-fażi preliminari tal-investigazzjoni jew tal-inkjesta, jenħtieġ li s-suġġetti tad-*data* jirċievu avviż (speċifiku) dwar il-protezzjoni tad-*data*. F'dan l-istadju ikun għadu possibbli li ċerti drittijiet ikomplu jiġu ristretti, bħad-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni, jew għall-allegazzjonijiet ta' vittmi potenzjali ta' fastidju²⁸. Dan il-fatt jenħtieġ li jiġi indikat fl-avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* flimkien ma' indikazzjoni ta' perjodu li fih id-drittijiet se jiġu rrestawrati għal kollox, jekk possibbli.

5 KONSULTAZZJONI MAL-SAs (L-ARTIKOLI 36(4) U 57(1)(C) TAL-GDPR)

68. F'konformità mal-Artikolu 36(4) tal-GDPR, fejn jiġu adottati restrizzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, l-SAs għandhom jiġu konsultati qabel l-adozzjoni ta' miżura leġislattiva li tkun se tiġi adottata minn parlament nazzjonali, jew ta' miżura regolatorja bbażata fuq tali miżura leġislattiva li tipprevedi r-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont l-Artikolu 23 tal-GDPR.
69. Barra minn hekk, huwa komputu tal-SAs li jipprovdur pariri dwar il-miżuri leġislattivi relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 57(1)(c) tal-GDPR.
70. Jekk l-SAs ma jiġux ikkonsultati kif xieraq, skont l-Artikolu 58(3)(b) tal-GDPR u fuq inizjattiva tagħhom stess huma jistgħu joħorġu opinjonijiet lill-parlament nazzjonali, lill-gvern tal-Istat Membru jew, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru, lil istituzzjonijiet jew lil korpi oħra kif ukoll lill-pubbliku dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni ta' *data* personali.

²⁸ Għal aktar informazzjoni, ara l-QĠUE, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, *YS vs Minister voor Immigratie, Integratie en Asiel u Minister voor Immigratie, Integratie en Asiel vs M u S*. il-Kawżi C141/12 u C372/12, ECLI:EU:C:2014:2081, il-punti 45 u 46 u s-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, *Novak*, il-Kawża C434/16, ECLI:EU:C:2017:994, il-punt 56.

71. Barra minn hekk, il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* fil-livell nazzjonali tista' tistabbilixxi proċeduri speċifiċi rigward l-adozzjoni ta' miżuri leġislattivi li għandhom l-għan li jillimitaw id-drittijiet mogħtija mill-Artikoli 12 sa 22 u mill-Artikolu 34 tal-GDPR, f'konformità mal-Artikolu 23 tal-GDPR. Dan jista' jkun il-każ biss jekk f'konformità mal-GDPR.

6 NUQQAS TA' OSSERVAZZJONI TAR-REKWIŻITI TAL-ARTIKOLU 23 TAL-GDPR MINN STAT MEMBRU

72. Il-Kummissjoni Ewropea, bħala Gwardjan tat-Trattati, għandha d-dmir li timmonitorja l-applikazzjoni tad-dritt primarju u sekondarju tal-UE u li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tiegħu madwar l-UE, inkluż billi tiegħu azzjonijiet meta l-miżuri nazzjonali jonqsu milli jikkonformaw mad-dritt tal-UE.
73. Barra minn hekk, skont il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-UE, "id-dmir li ma tiġix applikata leġislazzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-UE, ma huwiex biss ir-responsabbiltà tal-qrati nazzjonali, iżda wkoll tal-korpi kollha tal-Istat, inklużi l-awtoritajiet amministrattivi, responsabbli għall-applikazzjoni, fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tagħhom li japplikaw id-dritt tal-UE"²⁹.

7 ELEMENTI SPEĊIFIĊI GĦALL-KONTROLLURIU GĦALL-PROĊESSURI

7.1 Il-Prinċipju tar-Responsabbiltà

74. Fid-dawl tal-prinċipju tar-responsabbiltà (l-Artikolu 5(2) tal-GDPR) u għalkemm ma huwiex parti mir-rekords meħtieġa skont l-Artikolu 30 tal-GDPR, hija Prattika tajba li l-kontrollur jiddokumenta l-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet fuq każijiet konkreti billi jżomm rekord tal-applikazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-rekord jinkludi r-raġunijiet applikabbli għar-restrizzjonijiet, liema raġuni(jiet) fost dawk elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR tapplika/japplikaw (meta l-miżura leġislattiva tippermetti restrizzjonijiet għal raġunijiet differenti), it-twaqqit tagħha/tagħhom u l-eżitu tat-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Jenħtieġ li r-rekords jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fuq talba tal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-*data*.
75. F'każ li l-kontrollur ikollu uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* (UPD), jenħtieġ li l-UPD jiġi informat - tal-anqas b'mod ġenerali - mingħajr dewmien żejjed kull meta d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jkunu ristretti f'konformità mal-miżura leġislattiva. Jenħtieġ li l-UPD jingħata aċċess għar-rekords assoċjati u għal kwalunkwe dokument li jikkonċerna l-kuntest fattwali jew legali li fih isseħħ ir-restrizzjoni. L-involvement tal-UPD fl-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet jenħtieġ li jiġi ddokumentat ukoll.

7.2 L-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* wara t-tneħħija tar-restrizzjoni

76. Jenħtieġ li l-kontrollur ineħħi r-restrizzjonijiet malli ma jibqgħux japplikaw iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikawhom. Jekk is-suġġetti tad-*data* jkunu għadhom ma ġewx infurmati bir-restrizzjonijiet qabel dak il-mument, jenħtieġ li jiġu informati mhux aktar tard minn meta titneħħa r-restrizzjoni.
77. Matul l-applikazzjoni ta' restrizzjoni, is-suġġetti tad-*data* jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet kollha tagħhom, li ma jkunux ristretti. Sabiex jiġi vvalutat meta r-restrizzjoni tista' titneħħa parzjalment jew b'mod integrali, jista' jitwettaq test tan-neċessità u tal-proporzjonalità diversi drabi matul l-applikazzjoni ta' restrizzjoni.

²⁹ II-QĠUE, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, il-Kawża C-378/17 ECLI:EU:C:2018:979, il-punt 38.

78. Meta titneħħa r-restrizzjoni - li jenħtieġ li tiġi ddokumentata fir-rekord imsemmi fit-taqsimha 5 - is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha tagħhom.
79. Jekk il-kontrollur ma jippermettix lis-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom wara li tkun tneħħiet ir-restrizzjoni, is-suġġett tad-*data* jista' jressaq ilment lill-SA kontra l-kontrollur, f'konformità mal-Artikolu 57(1)(f) tal-GDPR.

7.3 In-nuqqas ta' osservazzjoni ta' miżura leġislattiva li timponi tali restrizzjonijiet minn kontrollur

80. Meta l-miżuri leġislattivi li jimponu restrizzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-GDPR jikkonformaw mal-GDPR iżda jinkisru minn kontrollur, l-SAs jistgħu jagħmlu użu mis-setgħat konsultattivi, investigattivi u korrettivi tagħhom kontriha, bħal fi kwalunkwe każ ieħor ta' nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli tal-GDPR.
81. F'konformità mas-setgħat previsti fl-Artikolu 58(1) tal-GDPR, l-SAs għandhom is-setgħat investigattivi li ġejjin:
- li jordnaw lill-kontrollur u lill-proċessur, u, fejn applikabbli, lir-rappreżentant tal-kontrollur jew tal-proċessur sabiex jipprovdu kull informazzjoni li jirrekjedi għat-twettiq tal-kompiti tagħhom;
 - li jwettqu investigazzjonijiet fil-forma ta' awditi tal-protezzjoni tad-*data*;
 - li jinnotifikaw lill-kontrollur jew il-proċessur dwar ksur allegat tal-GDPR;
 - li jiksibu, mill-kontrollur u mill-proċessur, aċċess għad-*data* personali kollha u għall-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tagħhom;
 - li jiksibu aċċess għal kwalunkwe bini tal-kontrollur u tal-proċessur, inkluż għal kwalunkwe tagħmir u mezz għall-ipproċessar tad-*data*, f'konformità mal-liġi proċedurali tal-Unjoni jew mal-liġi proċedurali tal-Istat Membru.
82. Jekk jeħtieġ li jiġu applikati miżuri korrettivi, f'konformità mal-Artikolu 58(2) tal-GDPR l-SAs jistgħu:
- **joħroġu twissijiet** lil kontrollur jew lil proċessur li l-operazzjonijiet ta' proċessar maħsuba x'aktarx jiksru dispożizzjonijiet tal-GDPR;
 - **iwiddbu** lil kontrollur jew lil proċessur meta l-operazzjonijiet ta' proċessar ikunu kisru dispożizzjonijiet tal-GDPR;
 - **jordnaw** lill-kontrollur jew lill-proċessur sabiex **jikkonforma** mat-talbiet tas-suġġett tad-*data* li jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont il-GDPR;
 - **jordnaw** lill-kontrollur jew lill-proċessur **jagħmel l-operazzjonijiet ta' proċessar konformi** mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, fejn xieraq, b'mod speċifiku u f'perjodu ta' żmien speċifikat;
 - **jordnaw** lill-kontrollur **jikkomunika ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data***;
 - **jimponu** limitazzjoni temporanja jew definittiva inkluża **projbizzjoni** fuq l-ipproċessar;
 - **jordnaw** ir-rettifika jew it-tħassir ta' *data* personali jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar skont l-Artikoli 16, 17 u 18 tal-GDPR u n-notifika ta' tali azzjonijiet lir-riċevituri li lilhom tkun ġiet iddivulgata *data* personali skont l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 19 tal-GDPR;
 - **jimponu multa amministrattiva** skont l-Artikolu 83, minflok jew flimkien mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 58(2) tal-GDPR, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali;
 - **jordnaw** s-sospensjoni tal-flussi ta' *data* lil riċevitur f'pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali.
83. Fir-rigward tas-setgħat konsultattivi tal-SAs previsti fl-Artikolu 58(3) tal-GDPR, dawn jistgħu:

- jagħtu parir lill-kontrolluri f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 36(1) u (5) tal-GDPR;
- jawtorizzaw l-ipproċessar imsemmi fl-Artikolu 36(5) tal-GDPR, jekk il-liġi tal-Istat Membru teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel b'hal din.

8 KONKLUŻJONIJIET

84. F'kundizzjonijiet speċifiċi, l-Artikolu 23 tal-GDPR jippermetti li leġiżlatur nazzjonali jew tal-Unjoni jirrestrinġi, permezz ta' miżura leġiżlattiva, il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u tad-drittijiet previsti fl-Artikoli minn 12 sa 22 u fl-Artikolu 34, kif ukoll fl-Artikolu 5 tal-GDPR sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi previsti fl-Artikoli minn 12 sa 22, meta tali restrizzjoni tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali u tkun miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika għas-salvagwardja, fost l-oħrajn, tal-oġettivi importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.
85. Ir-restrizzjonijiet tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jeħtieġ li josservaw ir-rekwiżiti ddikjarati fl-Artikolu 23 tal-GDPR. Jenħtieġ li l-Istati Membri jew l-Unjoni li joħroġu l-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu dawk ir-restrizzjonijiet u l-kontrolluri li japplikawhom, ikunu konxji tan-natura eċċezzjonali ta' dawn ir-restrizzjonijiet.
86. Jenħtieġ li t-test tal-proporzjonalità jitwettaq qabel ma jiġu introdotti restrizzjonijiet fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi tal-Istati Membri dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.
87. Jenħtieġ li l-SAs jiġu kkonsultati qabel l-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu r-restrizzjonijiet u li jkollhom is-setgħat li jinfurzaw il-konformità tagħha mal-GDPR.
88. Ladarba jitneħħew ir-restrizzjonijiet, is-suġġetti tad-*data* jridu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mill-kontrollur.

9 ANNESS: LISTI TA' KONTROLL - L-ARTIKOLU 23 TAL-GDPR FIL-QOSOR

9.1 Rekwiżiti skont l-Artikolu 23(1) tal-GDPR

- i. *Ir-rispett tal-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali*
- ii. *Test tal-proporzjonalità u tan-neċessità*
- iii. *Miżuri leġiżlattivi li jstabbilixxu r-restrizzjonijiet u l-ħtieġa ta' prevedibbiltà (il-Premessa 41 u l-ġurisprudenza tal-QĠUE)*
- iv. *Drittijiet tas-suġġetti tad-data u obbligi tal-kontrollur li jistgħu jiġu ristretti*
 - a) id-dritt għal informazzjoni trasparenti (l-Artikolu 12 tal-GDPR),
 - b) id-dritt għal informazzjoni (l-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR),
 - c) id-dritt ta' aċċess (l-Artikolu 15 tal-GDPR),
 - d) id-dritt għar-rettifika (l-Artikolu 16 tal-GDPR),
 - e) id-dritt għal tħassir (l-Artikolu 17 tal-GDPR),
 - f) id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikolu 18 tal-GDPR),
 - g) l-obbligu ta' notifika rigward rettifika jew tħassir ta' data personali jew ta' restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikolu 19 tal-GDPR),
 - h) id-dritt għall-portabbiltà tad-data (l-Artikolu 20 tal-GDPR),
 - i) id-dritt ta' oġġezzjoni (l-Artikolu 21 tal-GDPR),
 - j) id-dritt li individwu ma jkunx soġġett għat-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati (l-Artikolu 22 tal-GDPR)
 - k) l-obbligi pprovduti fl-Artikoli minn 12 sa 22 tal-GDPR (l-Artikolu 5 tal-GDPR) u
 - l) il-komunikazzjoni ta' ksur ta' data personali lis-suġġetti tad-data (l-Artikolu 34 tal-GDPR)
- v. *Raġunijiet għar-restrizzjonijiet*
 - a) is-sigurtà nazzjonali;
 - b) id-difiża;
 - c) is-sigurtà pubblika;
 - d) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, inklużi s-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika;
 - e) oġġettivi importanti oħrajn ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, b'mod partikolari interess ekonomiku jew finanzjarju importanti tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, inklużi kwistjonijiet monetarji, baġitarji u fiskali, is-saħħa pubblika u s-sigurtà soċjali;
 - f) il-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u tal-proċedimenti ġudizzjarji;
 - g) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' ksur tal-etika għal professjonijiet regolati;
 - h) funzjoni ta' monitoraġġ, ta' spezzjoni jew regulatorja marbuta, anki jekk okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali f'każijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (e) u (g);
 - i) il-protezzjoni tas-suġġetti tad-data jew tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' persuni oħrajn;
 - j) l-infurzar ta' talbiet skont id-dritt ċivili.

9.2 Rekwiżiti skont l-Artikolu 23(2) tal-GDPR

- i. *Il-finijiet tal-ipproċessar jew il-kategoriji tal-proċessar;*
- ii. *Il-kategoriji ta' data personali;*
- iii. *Il-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjonijiet introdotti;*

- iv. Is-salvagwardji għall-prevenzjoni tal-abbuż jew tal-aċċess jew it-trasferiment illegali;*
- v. L-ispeċifikazzjoni tal-kontrollur jew il-kategoriji tal-kontrolluri;*
- vi. Il-perijodi ta' żamma u s-salvagwardji applikabbli b'kont meħud tan-natura, tal-ambitu u tal-finijiet tal-ipproċessar jew tal-kategoriji ta' proċessar;*
- vii. Ir-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-data; u*
- viii. Id-dritt tas-suġġetti tad-data li jkunu informati dwar ir-restrizzjoni, sakemm dan ma jkunx jista' jippreġudika l-iskop tar-restrizzjoni.*